MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1598/2010

**Go plc (C22334)**

**vs**

**John Robert Delany**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-13 ta' Ottubru 2010, fejn intalab li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba mija u tlettin Ewro u erbghin centezmu (€430.40) in konessjoni ma' servizzi provdut mis-socjeta attrici ipprezentati flimkien mal-Avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra il-verbal ts-seduta ta' nhar it-8 ta'Gunju 2011 fejn ma gietipprezentata l-ebda risposta u illi ukoll dakinhar is-socjeta konvenuta ma dehritx u lanqas l-avukat taghha. Illi dakinhar tas-seduta sema' il-gurament ta' Dr. Ingrid Zaamit Young li kkonfermat illi l-ammont ghadu dovut. Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata u ghalhekk jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tlettin Ewro u erbghin centezmu (€430.40) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------